TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti    Laqgħa Straordinarja Nru. 19/06

## IS-SITT AMMINISTRAZZJONI

* **Il-Laqgħa Straordinarja Nru 19/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar Il-Ħamis 17 ta' Ġunju 2010 fis-6.15pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.** Data u hin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| **Chev P. Farrugia KLJ, CMLJ** | **Sindku** |
| **Is-Sur L. Bonavia** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Keith Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Ismael Dalli** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Maurice L. Mallia** | **Seg. Eżek.** |

*** **Assenti għal-Laqgħa**

| | |
|---|---|
| **Is-Sinj. C. Lanzon** | **Kunsilliera** |

**** **Skużati mil-laqgħa**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsillier** |

***** **Preżenti ukoll l-Accountants tal-Kunsill is-Sur Alan Craig u s-Sur Ramon Cutajar**

**Is-Sindku, s-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 Approvazzjoni tat-tweġiba għall-Management Letter

**1.1** Is-Sindku talab biex l-*Accountants* tal-Kunsill jispjegaw il-*Management Letter* mibgħuta mill-Awdituri tal-Gvern Ċentrali wara li għamlu l-Awditjar tal-kotba tal-Kunsill.

**1.2** Is-Sindku talab ukoll biex jispjegaw it-tweġiba tal-Kunsill għar-rapport tal-Awdituri.

**1.3** L-*Accountants* bdew jelenkaw kull artiklu partikolari tar-rapport tal-awdituri (App. 1) u r-risposta tal-Kunsill (App 2.) rispettivament. (Kemm ir-rapport tal-Awdituri kif ukoll it-tweġiba tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel lill-Kunsillieri kollha).

**1.4** L-*Accountants* għamlu referenzi partikolari b'enfasi fuq il-materji t'hawn taħt.

1.4.1 Dwar LES l-Awdituri ma setgħux jivverifikaw l-ammonti għaliex ma kienx hemm awditjar tas-sistema LES għas-sena 2009. Din hi problema komuni mal-Kunsilli Lokali kollha. LES

1.4.2 L-awdituri qed jinsistu li l-Onorarju tas-Sindku m'għandux ikun ikklassifikat bħala *'part-time'* imma għandu jkun *'other income'* u għandu jiġi ntaxxat. Onorarju tas-Sindku

Minħabba li dan hu każ partikolari tas-Sindku, qed tintalab direzzjoni mingħand id-DGL kif ukoll mill-Uffiċju tal-Impiegi.

1.4.3. Ġie nnutat ukoll li l-Kunsill nefaq €1398 bħala festini għal diversi attivitajiet, l-Awdituri ikkwotaw b'mod żbaljat li l-kunsill nefaq dan l-ammont kollu għall-ikla tal-Milied; fil-fatt din l-attivita' swiet €255 biss. Festini

Madankollu ġie deċiż li ma jsirux iżjed festini għall-ebda attivita mill-Fondi tal-Kunsill.

1.4.4 L-Awdituri nnutaw li il-kuntratti qed ikunu mġedda awtomatikament sa massimu ta' 3 snin mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill sakemm ma jkunx hemm xi nuqqasijiet gravi mill-Kuntrattur. Tiġdid tal-kuntratti

Il-Kunsill qabel li t-tiġdid tal-kuntratti isir bl-approvazzjoni tal-Kunsill minn qabel.

1.4.5 Ġie deċiż li, minħabba li ċertu kumpaniji u ndividwi li jagħtu servizz lill-Kunsill ma kienux qed jibgħatu irċevuti fiskali, dawn għandhom jiġu *"blacklisted'*. Black Listed

1.4.6 L-Awdituri mhux jaqblu dwar il-metodu li qed jintuża għall-klassifikazzjoni tal-*Joint Venture* fil-kotba tal-Kunsill. Min naħa l-oħra l-*Accountants* mhux jaqblu mal-opinjoni tal-Awdituri għaliex dawn ma jwasslux għal-konklużjoni tajba. Joint Venture

Lanqas ma naqblu li l-*Joint Venture* tista' tasal f'punt ta' falliment, għaliex il-Kunsill għandu l-maġġoranza tal-ishma u maġġoranza ta' voti.

1.4.7 Dwar il-flus dovuti mill-WSC, l-ammont hu dak ta' żmien il-kuntratt, jiġifieri qabel Mejju 2006. Jagħmlu ukoll parti minnhom flus dovuti għall-permessi li jsiru fil-Kunsill Lokali. L-Ammonti għas-snin 2007 – 2009, li dwarhom qed isiru diskussjonijiet mal-AKL, m'humiex inkluża fl-ammont dovut. WSC

Il-Kunsill għandu jara li l-ammonti dovuti qabel 2006 għandhom jiġu rkuprati bl-inizjativa tal-Kunsill għaliex l-AKL mhux tiddiskuti dwarhom.

1.4.8 Il-*"Quarterly Financial Report"* għandu jiġi approvat mill-Kunsill Quarterly F.R.

1.4.9 Ġie nnutat li l-*"Financial Indicator"* tal-Kunsill qiegħda taħt l-10% tal-allokazzjoni 'Finanzjarja Annwali'. Dan irriżulta prinċipalment minħabba li l-Kunsill kellu jħassar minn fuq il-kotba madwar €70,000 dovuti mis-sistema tal-LES. Financial Indicator

Barra minhekk is-sena finanzjarja għalqet 3 xhur qabel u allura dak li l-Kunsill kien ippjana għal-sena ta' 12 –il xahar fuq l-allokazzjoni ta' 4 kwarti ġie ikkalkulat fuq dħul ta' 3 kwarti. Il-parti l-kbira ta' xogħlijiet kapitali saru fl-ewwel sitt xhur tas-sena, bejn April 2009 u Settembru 2009. Spejjeż kapitali għall-aħħar 3 xhur (Jannar – Marzu 2010) ma kienux ippjanati li jintefqu, allura l-Kunsill kien ser jispiċċa s-sena finanzjarja (April 09 – Marzu 2010) b'bilanċ pożittiv. Imma kif ġie mibdul il-perjodu tas-sena finanzjarja li għalqet fl-aħħar ta' Diċembru 2009, (9 xhur) ir-riżulat kien wieħed negattiv.

Ġie deċiż li ninfurmaw b'din il-pożizzjoni tal-Kunsill lid-DGL.

1.4.10 Finalment ġie nnutat li l-Awdituri tal-Gvern naqsu li jinfurmaw lill-Kunsill dwar ċerti korrezzjonijiet li setgħu saru qabel ma ġie finalizzat l-awditjar, skont il-Prattika Ġenerali tal-Awditjar.

1.4.11 Fl-aħħar tal-ispjegazzjoni tal-*Accountants*, il-Kunsill approva unanimament it-tweġiba għall-*Managment Letter* tal-Awdituri u s-Sindku iffirma l-ittra li ser tintbgħat lill-Awdituri tal-Gvern, lill-Awdituri Ġenerali u lid-DGL.

## 2.0 Għeluq tal-Laqgħa

**2.1** Is-Sindku irringrazzja liż-żewġ *Accountants* li attendew biex jispjegaw lill-Kunsill.

**2.2** Il-laqgħa ntemmet fis-7.45 pm u ġiet aġġornata *sine die.*

| | |
|---|---|
| **Chev P. Farrugia** | **M. L. Mallia** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek.** |

min-laq-str-19-06 (17 June 2010)/CM